KUNSILL LOKALI BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**9 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 25**

**It-Tlieta, 20 ta' Jannar 2026**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fl-16:00.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur | Ivan Abela Grech | Kunsillier |
| Is-Sur | Karel Zahra | Kunsillier |
| Is-Sa | Rohasia Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur | Darren Mark Debono | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

**25.01 Qari tal-ittri t'apoloġija**

**25.01.01** Il-Kunsillier Johann Borg talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**25.01.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil talbet sabiex tkun skużata minn din is-seduta minħabba raġunijiet marbuta max-xogħol. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**25.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 23 u seduta 24)**

**25.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti ta' seduta 23 u seduta 24.

**25.02.02** Fuq proponiment tal-Kunsillier Karel Zahra, u sekondat mill-Kunsillier Ivan Abela Grech, il-minuti ta' seduta 23 ġew approvati unanimament.

**25.02.03** Fuq proponiment tal-Kunsillier Darren Mark Debono, u sekondat mill-Kunsilliera Maria Mifsud, il-minuti ta' seduta 24 ġew approvati unanimament.

**25.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**25.03.01** *Xogħlijiet fin-naħa ta' San Ġorġ*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li fl-aħħar seduta ssemma li jridu jsiru bollards u road markings u kien ġie maqbul li l-kwotazzjoni tinqasam fi 2; zebra cross poles u line markings, u bollards kwotazzjoni separata billi dawn jiswew mhux ħażin. Huwa qal li ftit sigħat qabel il-laqgħa ġie kkuntattjat mis-CEO ta' Infrastructure Malta s-Sur Steve Ellul rigward dawn il-kwotazzjonijiet li kienu ntbagħtu lilu. Is-Sur Ellul ikkonferma li dawn ix-xogħlijiet se tieħu ħsiebhom l-istess entità, għalhekk dawn iż-żewġ kwotazzjonijiet se jkunu koperti mill-Gvern. Mill-kwotazzjonijiet li nġiebu ġiet approvata dik B, f'każ li l-pjan ma jmurx kif mistenni. Din tammonta għal €2,478.

**25.03.02** *Għodda għall-ħaddiema manwali fuq talba tal-foreman*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġiebu 3 kwotazzjonijiet biex isir upgrade tal-għodda li tintuża mill-ħaddiema manwali. L-orħos kwotazzjoni hija dik A, li tammonta għal €2,500. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din id-deċiżjoni.

**25.03.03** *Kontinwazzjoni tas-sessjonijiet tal-fitness għas-sena 2026*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-prezz tas-sessjonijiet tal-fitness għas-sena 2026 baqa' l-istess bħas-sena ta' qabel, dak ta' €50 għal kull sessjoni. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**25.03.04** *Servizz ta' banda għall-attività tal-karnival f'Birżebbuġa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġiebu żewġ kwotazzjonijiet għas-servizz ta' banda mill-baned tal-lokal għall-attivitajiet tal-karnival li se jsiru fit-12 u t-13 ta' Frar. Kull servizz jammonta għal €400. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**25.03.05** *Servizz ta' banda għall-attività ta' Festa Bengħajsa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġiebu żewġ kwotazzjonijiet għas-servizz ta' banda mill-baned tal-lokal għall-

attività ta' Festa Bengħajsa. Kull servizz jammonta għal €400. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**25.03.06** *Tibdil dirett ta' bank fi Triq il-Qajjenza*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li wieħed mill-bankijiet tal-promenade ġie vvandalizzat u għalhekk inġiebet kwotazzjoni mingħand l-istess supplier li kien inxtara l-bank. Il-kwotazzjoni tammonta għal €1,154.23, li tinkludi d-delivery u l-installazzjoni. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**25.03.07** *Tabelli taċ-ċaqquf bl-ismijiet tat-toroq*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li hemm bżonn isir sett ġdid ta' tabelli taċ-ċaqquf bl-ismijiet tat-toroq. Inġabret kwotazzjoni mingħand is-supplier li diġà provdielna s-servizz sabiex ikun hemm konsistenza. Din il-kwotazzjoni tammonta għal €56.64 għal kull tabella. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**25.03.08** *Servizz t'animazzjoni għall-attività tal-karnival f'Birżebbuġa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għal servizz t'animazzjoni. L-orħos kwotazzjoni hija dik A, li tammonta għal €2,200. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**25.03.09** *Servizz ta' fotografija għall-attività tal-karnival f'Birżebbuġa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għal servizz ta' fotografija, fejn se jingħata ritratt individwali lil kull student/a. L-orħos kwotazzjoni hija dik B, li tammonta għal €83.20. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**25.03.10** *Ikel għall-attività tal-karnival f'Birżebbuġa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għall-ikel li se jitqassam waqt l-attività. L-orħos kwotazzjoni hija dik A, li tammonta għal €702. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

## 25.04 Komunikazzjoni mis-Sindku

**25.04.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-fuljett tal-Kunsill, li nħareġ is-sena l-oħra, intlaqa' tajjeb ħafna u għalhekk dis-sena se jerġa' jiġi pubblikat għall-ħabta ta' nofs Ġunju. Se jinġiebu l-kwotazzjonijiet għad-disinn, stampar, ritratti, drone, u posta. Il-Kunsillier Karel Zahra se jkun qed jieħu ħsieb din il-pubblikazzjoni mill-ġdid.

**25.04.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fil-ġnien biswit il-kappella ta' San Ġorġ bdew ix-xogħlijiet sabiex isiru s-solar lights. Il-Kunsill se jibbenifika minn skema għal dawn ix-xogħlijiet. Il-Kunsillier Alex Caruana qed jikkordina x-xogħlijiet.

**25.04.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li bħalissa għaddejjin ix-xogħlijiet tas-servizz.gov fis-sala tal-Kunsill. Huwa qal li kien hemm progress kbir u x-xogħol miexi ġmielu.

**25.04.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li llum kien hemm laqgħa mar-rappreżentanti tas-Silver T sabiex naraw kif taħdem is-sistema ladarba l-Kunsill ikollu l-vettura tiegħu. Huwa spjega li dawn jaħdmu b'sistema fejn il-Kunsill jixtri l-vettura tiegħu, isir ftehim mas-Silver T u l-Kunsill jgħaddi l-vettura lil din l-entità. Is-servizz imbagħad ikun mifrux għad-distrett kollu u mhux għar-residenti ta' Birżebbuġa biss. Semma wkoll li l-vettura

trid tibqa' għand din l-entità matul il-lejl, inkluż iċ-ċwievet. Fir-rigward ta' polza tal-assigurazzjoni, din tiġi mħallsa minnhom. Is-Sindku Scott Camilleri semma li hemm żewġ żvantaġġi f'din is-sistema; jekk il-Kunsill se jiġi bżonn il-vettura, dan irid jissellifha mingħand din l-entità; billi r-rotta tagħhom hija fissa, din mhux se tkun qed twassal lill-individwu l-Isptar San Vinċenz de Paule jew l-Isptar Mater Dei. Is-Sindku Scott Camilleri kif ukoll il-Kunsillier Alex Caruana semmew li l-iskop ta' dan huwa mitluf billi l-ħtieġa ta' ħafna mill-anzjani hija li jitwasslu f'wieħed minn dawn iż-żewġ sptarijiet. Wara diskussjoni libera, ġie deċiż li l-Kunsill joħroġ tender sabiex jixtri vettura li tkun tiegħu tkun 5 seater u tintuża għall-użu ġenerali tal-Kunsill.

**25.04.05** Is-Sindku Scott Camilleri ta aġġornament dwar ix-xogħlijiet fil-Bajja s-Sabiħa fejn ix-xogħol miexi u daħlet fis-seħħ id-diversion plan. Huwa semma li wara l-laqgħa li kien hemm mal-WSC, dawn kienu infurmawna li se jgħaddu l-main minn ġol-bankina tal-promenade, iżda dan ix-xogħol se jibda iktar tard minħabba li għaddejjin ix-xogħlijiet ta' tisbiħ. Ix-xogħlijiet mistennija jibdew lejn l-aħħar ta' Jannar u bidu ta' Frar.

**25.04.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li bagħat korrispondenza uffiċjali lil WSC fuq ix-xatt. Huwa semma li dawn kienu se jagħmlu kisja tarmak fuq ix-xogħlijiet li saru iżda min-naħa tal-Kunsill ġie suġġerit li ssir bażi tal-konkos biex tiġi evitata li t-triq iċċedi. Min-naħa ta' IM irrispondew ftit tal-jiem ilu fejn qalu li fehmu l-ħsibijiet tagħna u talbu lil WSC sabiex jaġġornaw il-pjan tagħhom u jinkludu dawn ix-xogħlijiet relatati. Għalhekk dawn ix-xogħlijiet mistennija jieħdu ftit iktar fit-tul.

## 25.05 Mistoqsijiet mill-kunsilliera

*Hawnhekk ingħaqdet il-Kunsilliera Rohasia Zammit.*

**25.05.01** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar is-sitwazzjoni fin-naħa ta' fuq ta' Triq Tal-Ġebel. Huwa semma li kull meta tagħmel ix-xita, in-naħa ta' fuq ta' Triq Tal-Ġebel, fejn tiltaqa' ma' Triq Ħal Far, qed jinġabar ħafna ilma, b'mod li l-karozzi jkollhom jgħaddu min-naħa l-ħażina tat-triq. Huwa xtaq ikun jaf jekk bħala Kunsill nistgħux nikkuntattjaw lill-awtoritajiet konċernati biex din is-sitwazzjoni tiġi rranġata. Is-Sindku Scott Camilleri kkonferma li jinġema' l-ilma n-naħa ta' fuq ta' Triq Tal-Ġebel u għalhekk talab li jrid jintbagħat rapport lil IM sabiex issir korrezzjoni fil-livell tat-triq.

**25.05.02** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar zebra crossing fi Triq Żaren Dalli. Huwa semma li fi Triq Żaren Dalli saret zebra crossing temporanja waqt li kienu qed isiru x-xogħlijiet fi Triq Birżebbuġa. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax jiddeċiedi jekk din hix se ssir permanenti, u jekk iva, isiru l-bidliet fil-parkeġġ. Jekk le, se titneħħa? Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li din se titneħħa.

**25.05.03** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar zebra crossings temporanji. Huwa semma li fl-aħħar xhur bdew isiru zebra crossings temporanji fejn ikun hemm bankini magħluqa minħabba xogħlijiet li jkunu qed isiru. Eżempju ta' dan hija ż-zebra crossing fi Triq Birżebbuġa. Dan huwa pass importanti għas-sigurtà iżda l-problema qed tinħoloq meta x-xogħlijiet jispiċċaw u dawn iż-zebra crossings jibqgħu hemm, b'xi nies jaħsbu li għadhom attivi u oħrajn le, u agħar minn hekk iż-żebgħa tibda tiċċara. Huwa xtaq ikun jaf x'inhu l-pjan biex dawn jitneħħew meta jispiċċa x-xogħol, u min hu responsabbli minn dan. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li zebra crossings temporanji rridu naraw li

kif niġu mitluba mill-BCA biex nagħmluhom, iridui jinfurmawna biex nerġgħu nneħħuhom. Ta’ Triq Birżebbuġa tista’ titneħħa.

**25.05.04** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar sinjali tat-toroq fi Triq Birżebbuġa. Huwa semma li dawn is-sinjali ma jidhrux li huma kompluti fin-naħa t’isfel tat-triq u xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax jgħidilna min hu responsabbli biex dawn jitlestew u meta. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li dawn se jkollhom isiru mill-ħaddiema manwali tal-Kunsill.

**25.05.05** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar stop sign fi Triq iż-Żurrieq. Huwa semma li f’salib it-toroq bejn Triq iż-Żurrieq u Triq San Ġwann saret stop sign ġdida mal-art, iżda ma sarux sinjali tat-traffiku ġodda u dan il-punt minn dejjem kien kritiku u ta’ spiss ikun hemm xi inċident. Huwa xtaq ikun jaf jekk jistgħux isiru xi sinjali tat-traffiku f’dan il-punt. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li l-istop signs għadhom iridu jsiru.

**25.05.06** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar sinjali fi Triq Tal-Ġebel. Huwa semma li s-sinjali f’din it-triq għadhom mhux lesti u f’xi postijiet mhumiex ċari. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax jgħid meta dawn se jitlestew u jekk humiex se jibqgħu l-istess issa li nbidel il-flow tat-traffiku. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li sa fejn huwa infurmat l-istop sign saret imma r-roundabout li kien hemm impinġija ma saritx. Huwa semma li kien bagħat lill-perit tal-PWD qabel il-festi għax il-kuntrattur kien infurmah li ma kienx responsabbli, filwaqt li l-ħaddiema tal-Kunsill infurmawh li tpinġija ta’ roundabouts qatt m’għamlu. Huwa qal li se jerġa’ jibgħat tfakkira lill-perit.

**25.05.07** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar xogħlijiet tal-Enemalta fi Triq Għar Dalam. Huwa semma li f’seduta numru 17 tella’ punt dwar l-istat tat-toroq wara x-xogħlijiet tal-Enemalta u li fi Triq Għar Dalam sar xogħol u minflok tarmak ingħata konkos, li dan issa idditerjora u hemm skoss. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax jikkuntattja lil Enemalta biex dan ix-xogħol isir kif suppost. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li l-Enemalta jafu bis-sitwazzjoni u għandhom ituna risposta meta ħa ssir.

**25.05.08** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil ressqet mistoqsija dwar il-kundizzjoni tax-xatt. Hija semmiet li f’diversi żoni tax-xatt qed jakkumula ammont sostanzjali ta’ ħmieġ, b’mod partikolari dak tal-klieb, li qed jagħmel il-post mhux sigur u mhux iġeniku għall-pubbliku. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li hemmhekk sar tindif bil-powerwash.

**25.05.09** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil ressqet mistoqsija dwar iż-żona ta’ Bengħajsa. Hija semmiet li ż-żona saret effettivament dumping site, b’ammonti kbar ta’ skart li qed jitħalla bla kontroll u mingħajr infurzar. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li dan ġie rrappurtat lil Clean Malta. Huwa ssuġġerixxa li nkellmu lil ERA u lil Ambjent Malta biex jagħmlu l-kameras minn Triq il-Fortizza sa Wied Żnuber.

**25.05.10** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil ressqet mistoqsija dwar l-iskips ħdejn il-Freeport. Hija semmiet li dawn huma mfawrin, b’riħa qawwija u skart imxerred mal-art, li qed joħloq riskju għas-saħħa pubblika u jħalli impatt negattiv fuq l-ambjent. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li ngħadda rapport lil Cleansing min-naħa tal-customer care.

**25.05.11** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil ressqet mistoqsija dwar dustbin imkisser f’Dawret il-Qalb Imqaddsa. Hija semmiet li d-dustbin ta’ ħdejn it-taraġ ilu mkisser għal

tliet ġimgħat u li minħabba dan, l-iskart qed jintefa' mal-art, u l-post sar miżerja. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li d-dustbin huwa ordnat.

**25.05.12** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil ressqet mistoqsija dwar it-triq ta' wara l-knisja li twassal lejn il-Gudja. Hija semmiet li din it-triq mhix sigura għall-pubbliku, speċjalment għal min jagħmel mixjiet fil-kampanja minħabba klieb li joħorġu għan-nies u joħolqu biża' u periklu. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li hemm bżonn ta' iktar dettalji biex jingħadda rapport lil Animal Welfare u lis-CPT.

**25.05.13** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil ressqet mistoqsija dwar infestazzjoni ta' ġrieden lejn il-Freeport u x-xatt ta' kull filgħaxija. Hija semmiet li hemm każijiet frekwenti ta' ġrieden jiġru lejn il-ħmieġ li hemm mal-art. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li ngħadda rapport lir-Rodent Department.

**25.05.14** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil ressqet mistoqsija dwar sleeping policemen ta' Dawret il-Qalb Imqaddsa. Hija semmiet li dawn taf li huma pjanati iżda hemm il-periklu li ta' kuljum qed jiżdied u qed nistennew xi inċident. Hija xtaqet tkun taf meta se ssir u jekk le min se jieħu r-responsabbiltà jekk jinqala' xi ħaġa. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li din għandna l-permess minn TM għal 3 humped zebra crossings billi sleeping police ma ġewx aċċettati. Il-Kunsill irid jara meta dawn jistgħu jsiru.

**25.05.15** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil ressqet mistoqsija dwar il-monti. Hija semmiet li tixtieq tiddiskuti s-sitwazzjoni tal-bejjiegħa tal-monti fejn bħal kulħadd tkellmu magħha fuq sitwazzjoni. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li din trid issir aġenda item għas-seduta ta' Frar.

**25.05.16** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar chargers tal-karozzi elettriċi. Huwa semma fix-xhur li għaddew ġew installati numru ta' chargers ta' karozzi elettriċi madwar ir-raħal tagħna u li dawn, sa fejn huwa infurmat, għadhom kollha mhux attivi. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax jinforma meta dawn se jiġu attivati. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li rridu naraw mal-EWA.

**25.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

**25.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta r-rapport ta' xogħlijiet mill-contracts manager għax-xahar ta' Diċembru 2025.

**25.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li t-tliet tenders; tal-perit, tal-bandli, u tal-accountant ġew ippubblikati llum fil-Gazzetta tal-Gvern u dawn se jagħlqu fl-20 ta' Frar 2026. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li matul ix-xahar ta' Frar issir l-evalwazzjoni tat-tenders u jumejn wara ssir laqgħa b'urġenza. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat se jieħu ħsieb il-kordinazzjoni ta' dawn il-laqgħat ma' dawk involuti.

**25.06.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat fakkar lill-kunsilliera li għadhom ma bagħtux ir-rapport ta' ħidma sabiex jibagħtuh mill-aktar fis billi dan irid jiġi preżentat fis-seduta li jmiss.

**25.06.04** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li trid tiġi stabbilita d-data tal-laqgħa annwali f'Marzu, li fiha jiġu preżentati r-rapport amministrattiv u r-rapport

finanzjarju. Ġie deċiż li din il-laqgħa ssir fit-18 ta' Marzu 2026 fis-19:30 fil-boardroom tal-Kunsill Lokali.

## 25.07 Korrispondenza

*Hawnhekk il-Perit Carmel Cacopardo ppartecipa online.*

**25.07.01** Il-Perit Carmel Cacopardo semma li madwar ġimagħtejn ilu kien hemm diskussjoni ġenerali fil-kumitat ambjentali tal-Freeport. Huwa ta spjegazzjoni dwar l-abbozz, li ġie ċirkulat fi tmiem il-ġimgħa li għaddiet. Semma li dan huwa l-istess bħall-permess li Nagħmel referenza għall-email t'hawn taħt. Niġbed l-attenzjoni li hija r-responsabbiltà tagħkom li l-email account ikun aġġornat u aċċessibbli, sabiex il-korrispondenza tal-Kunsill tkun tista' tintbagħat lilkom kif suppost u b'mod uffiċjali. Għaldaqstant, il-Kunsill ma jistax jinżamm responsabbli f'każ li din il-proċedura ma tiġix osservata min-naħa tagħkom.

Tislijiet,

kien hemm tul dawn l-aħħar snin. Hekk kif dar dan l-abbozz huwa semma xi punti sabiex wieħed jiġbed l-attenzjoni fuqhom.

1. Routine maintenance - huwa jissuġġerixxi li din titneħħa.
2. Rigward l-affarijiet differenti li jistgħu jkollhom impatti m'għandux ikun hemm iċ-ċertifikazzjoni fit-tul, u li minflok issir kull 4 snin din issir kull sena għax jekk ikun hemm il-ħsara ma tinqabadx mill-ewwel.
3. Iċ-ċertifikazzjoni tal-interceptors taż-żejt għandha ssir kull sena u mhux kull 3 snin.
4. Iċ-ċertifikazzjoni tal-bunds għandha ssir kull sena.
5. It-tindif tal-vapuri m'għandux ikun permess jekk mhux manutenzjoni essenzjali jew ta' emerġenza.
6. Il-West Terminal għandu jibda l-phasing out tiegħu.

Dan l-abbozz ġie approvat mill-kunsilliera preżenti kollha u għandu jiġi preżentat għada. Il-Perit Carmel Cacopardo se jibgħat kopja tiegħu.

**25.07.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-quddiesa sabiex titfakkar il-memorja tal-Eks Sindku s-Sur Joseph Farrugia 'Ir-Riki' se ssir fit-3 ta' Frar fis-18:30.

**25.07.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza għal permess sabiex fis-sajf viċin il-bandli jew fuq ir-ramel jarma apparat għat-tfal, bħal muturi, etċ. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li nagħmlu talba għal iktar informazzjoni bħal ritratti, qisien, u l-perjodu.

**25.07.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza mill-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen għal talba biex issir l-Auto Fest fit-23 ta' Mejju u, għal darb'oħra, se jużaw il-car park ta' Wied il-Buni għal esebizzjoni ta' karozzi klassiċi, sportivi, etċ. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincatt semma li l-Kunsill se jipprovdi l-bins u l-mobile toilets bħas-sena li għaddiet. Il-kunsilliera preżenti kollha qablu ma' din it-talba.

**25.07.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza għal talba biex issir fjakkolata mill-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen, bħas-sena l-oħra, u l-Kunsill ħareġ il-permess. *Hawnhekk il-Kunsillier Alex Caruana ħalla l-kamra minħabba kunflitt ta' interess.* Wara ftit jiem daħlet korrispondenza oħra mis-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa li dawn jixtiequ jagħmlu fjakkolata wkoll fl-istess jum fejn jaħarqu n-nar tal-art fil-festa. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni, bil-patt u l-kundizzjoni li dawn jarmaw in-naħa ta' fejn jinħaraq in-nar. L-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen ma qablux li l-Kunsill ħa din id-deċiżjoni għalhekk talbu sabiex din it-talba li daħlet mis-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa tiġi revokata. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li ż-żewġ għaqdiet iridu jiftiehmu bejniethom biex jagħmlu pjan, filwaqt li l-Kunsill qed iżomm il-permessi pendenti għalissa. Dawn se jingħataw ċans sa ġimgħa qabel is-seduta biex jiġu bi pjan.

*Hawnhekk il-Kunsillier Alex Caruana daħal lura fil-kamra.*

**25.07.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li ġiet ċirkulata email bir-rapport tan-noise monitoring. Huwa talab lill-kunsilliera preżenti sabiex jagħtuh daqqa t'għajn ħalli jiġi diskuss fis-seduta li jmiss.

## 25.08 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

**25.08.01** Is-Sindku Scott Camilleri tella' l-mozzjoni 01/2026 dwar sanzjonar u prolungar ta' toroq fl-inħawi Tax-Xerriek. Il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa, wara li ħa nota tat-talba mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq, qed jieħu azzjoni fuq dawn is-suġġerimenti biex jiġi sanzjonat l-isem ta' Triq Tax-Xerriek, peress li ma nstab xejn uffiċjali fil-Gazzetta tal-Gvern u sabiex tkun prolungata Trejqet il-Marnisi. Għalhekk b'dan il-għan qed jiġi propost li l-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa jiddeċiedi li jiġi sanzjonat l-isem ta' Triq Tax-Xerriek u tkun prolungata Trejqet il-Marnisi. Il-vot marbut ma' din il-mozzjoni kien hekk:

**Favur** 7 **Kontra** 0 **Astensjonijiet** 0

Dwar din l-istess mozzjoni, il-Kunsill Lokali kellu jiddeċiedi dwar isem ieħor għal trejqa oħra imma mill-ismijiet suġġeriti mill-Għaqda Storja u Kultura Birżebbuġa, intgħażel biss l-isem Triq il-Port tax-Xlokk. Il-Kunsill Lokali għandu bżonn żewġ ismijiet u hawn il-Kunsillier Alex Caruana ssuġġerixxa Triq in-Nigret peress li żona hekk hi magħrufa. Il-Kunsill Lokali qabel li nitolbu informazzjoni addizzjonali mill-Għaqda Storja u Kultura Birżebbuġa dwar dan l-isem u anke t-tifsira wara din il-kelma u ż-żona l-għala msejħa hekk. Wara dan kollu nieħdu deċiżjoni f'seduta oħra.

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**25.08.02** Is-Sindku Scott Camilleri tella' l-mozzjoni 02/2026 dwar skema ta' trasport għall-għaqdiet volontarji ta' Birżebbuġa 2026. L-għan ta' din l-iskema huwa li tassisti l-għaqdiet volontarji ta' Birżebbuġa billi ttaffi l-piż finanzjarju relatat mal-ispejjeż tat-trasport tal-massa. L-iskema hija maħsuba biex tappoġġja attivitajiet li dawn l-għaqdiet jorganizzaw minn żmien għal żmien, inklużi attivitajiet soċjali, kulturali, sportivi, u ta' appoġġ fil-komunità. L-iskema għandha tkun eliġibbli għal applikanti li jkunu f'għaqda volontarja bbażata f'Birżebbuġa, reġistrata u konformi mar-rekwiżiti stabbiliti mill-Kumissarju għall-Għaqdiet Volontarji, jew l-għaqda volontarja tkun ilha stabbilita fil-

lokalità ta' Birżebbuġa għal aktar minn 10 snin. Is-servizz tat-trasport irid jintuża esklussivament għal trasport tal-massa marbut ma' attivitajiet soċjali, sportivi, appoġġ u servizz fil-komunità, u avvenimenti organizzati mill-għaqda. Għaqda volontarja konformi tista' tapplika għall-użu ta' minivans, coaches, u buses aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Kull għaqda tista' tibbenifika minn fondi sa massimu ta' €600 kull sena, li jistgħu jintużaw fi vjaġġ wieħed jew jinqasmu fuq diversi vjaġġi. L-iskema tinfetaħ nhar it-Tnejn, 2 ta' Frar, u tagħlaq nhar il-31 ta' Diċembru 2026, iżda din tista' tiġġedded. It-total tal-iskema se jkun ta' €6,000 fis-sena.

**Favur** 7 **Kontra** 0 **Astensjonijiet** 0

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**25.09 Quarterly Report (Jannar – Diċembru 2025)**

*Hawnhekk l-accountant tal-Kunsill is-Sa Doreen Mintoff ipparteċipat online*

**25.09.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ressaq il-quarterly report ta' bejn Jannar u Diċembru 2025, li ġie ċċirkulat minn qabel is-seduta u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri. Hawn, l-accountant tal-Kunsill tat spjegazzjoni dwar il-quarterly report.

**25.09.02** Il-quarterly report ta' bejn Jannar u Diċembru 2025 ġie approvat unanimament.

**25.10 Festa Bengħajsa 2026**

**25.10.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li d-data pjanata għal Festa Bengħajsa inbidlet għall-Ħadd, 3 ta' Mejju, bejn id-09:00 u s-14:00 fi Triq il-Kunċizzjoni. Id-data kellha tinbidel billi dakinhar li kienet pjanata se jkun hemm attività oħra għaddejja. Din id-data ġiet approvata mill-kunsilliera kollha.

**25.11 Proposed draft management plan tal-Bajja s-Sabiħa**

**25.11.01** Is-Sindku Scott Camilleri talab li dan l-item jiġi diskuss fis-seduta li jmiss.

**25.12 Ismijiet ġodda ta' toroq**

**25.12.01** Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsillier Karel Zahra sabiex jiċċekkja mal-Għaqda Storja u Kultura dwar jekk l-għaqda għandhiex xi informazzjoni fuq iż-żona 'Nigret'.

**25.13 Attivitajiet u skemi**

**25.13.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-attività tal-karnival se ssir fit-12 u t-13 ta' Frar fl-iskola primarja ta' Birżebbuġa.

**25.13.02** Is-Sindku Scott Camilleri ta aġġornament fuq l-iskemi li hemm miftuħin:

1. *SPI/SCI/2/2024 – Aqua fitness sessions*
    - Bħalissa għaddejjin il-lezzjonijiet u qed tinħadem il-claim.

2. *SPI/SCI/4/2024 – Promenade Qajjenza*
    - Ix-xogħlijiet bdew u diġà nqala' l-ħadid.
3. *SPI/SCI/1/2025 – Lifelong Learning 2025/2026*
    - Il-Kunsill Lokali se japplika l-istess bħas-sena ta' qabel; Ingliż u Malti.
4. *SPI/SCI/2/2025 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali*
    - L-attività qiegħda tinħadem.
5. *SPI/SCI/3/2025 – Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar Nodfa*
    - L-attività saret u qed tinħadem il-claim.
6. *SPI/SCI/4/2025 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2025*
    - L-attività saret u qed tinħadem il-claim.
7. *SPI/SCI/5/2025 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2026*
    - L-applikazzjoni ġiet aċċettata u l-attività qiegħda tinħadem.
8. *SPI/SCI/7/2025 – Finanzjament – Komunitajiet aktar b'Saħħithom u ta' Kwalità*
    - Il-Kunsill Lokali rċieva l-ewwel pagament.

## 25.14 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' pagamenti:*

**25.14.01** Il-Kunsillier Karel Zahra staqsa rigward pagament numru 42. Huwa xtaq iktar informazzjoni. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li dak il-pagament huwa relatat mal-kirja tal-art taċ-ċentru ċiviku l-ġdid.

*Petty cash:*

**25.14.02** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Karel Zahra, u sekondat mill-Kunsillier Darren Mark Debono, il-kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 25.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**25.15.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-18:20 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 18 ta' Frar 2026, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum l-Erbgħa, 18 ta' Frar 2026.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ________________ | ________________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |